# Aktar Tagħrif mill-Arkivji Parrokkjali (3)

## Il-Parroċċa tagħna bejn l-1715 u l-1820

Minħabba li f'dawn il-volumi naqsu ħafna mill-kurżitajiet li semmejt fiż-żewġ artikli ta' qabel - ngħidu aħna, ftit li xejn jissemmew ismijiet ta' Kavallieri, skjavi u aktar u aktar ta' *meritrici* - se nagħti ftit tagħrif dwar il-kleru jew aħjar il-Kappillani (*Parrochus, Vicarius* jew *Rector* - kif kienu jsejħu lilhom infushom fuq dawn il-kotba) u ta' xi Viċi Kappillani (*Vici Parrochus* jew *Vici Curatus*) li kienu jgħammdu minflokhom sakemm ma kienx jiġi xi ħadd minn barra r-raħal.

Mela, fit-tielet volum insibu li bħala kappillan tas-Siġġiewi kien għadu Dun Eugenius Azzopardus (Azzopardi) u dan dam sa Diċembru 1723, waqt li bħala viċi tiegħu nsibu lil Andreas Buttigieg. Mat-tluq ta' Azzopardus insibu li Stephanus Camilleri beda jgħammed bħala *Vicarius* jew *Vici Paarrochus* mill-11 ta' Jannar 1724. Mill-11 ta' Ġunju 1724 insibu lil Salvatore Tabonius (Tabone) bħala *Parrochus* u kurżità li nnutajt fir-reġistrazzjonijiet tiegħu hija li kien iħobb jillatinizza l-kunjomijiet kollha, pereżempju Vassallo jsir Vassallus, Balzan isir Balzanus, Bonnici jsir Bonnicius, u l-istess għall-oħrajn. Mill-24 ta' Jannar 1728 sal-1760 insibu ħafna magħmudijiet minn Joanne Dominicus Caruana li ġieli kien *Vicarius* u ġieli *Vici Parrochus*. Fid-data tad-19 ta' Jannar 1744 insibu din in-nota: "*feci primus ingressum in hac ecclesi parti ego Michael Angelus Mamo Rector*" li jfisser li kien wasal Rettur (Kappillan) ġdid u l-ewwel magħmudija tiegħu kienet tmint ijiem wara, fis-27 ta' Jannar, filwaqt li sal-1780 kellna lil Martinus Bartolo bħala *Vici Parrochus.*

F'paġna 349 insibu nota marġinali li tgħid li fil-11 t'April 1760 kien hemm *Electionis* (l-Għażla), fit-12 t'April 1760 *Investitione* (l-Investizzjoni), fl-20 t'April 1760 kienet *Dies inqua Ego Salvatore Pace Parrochus feci(t) ingressum in Ecclesiam Partem Siggiewi – Illusus. et Rev.us Episcopo Don Bartholomeo Rull* (Il-ġurnata meta jiena, Salvatore Pace, ngħatajt il-pussess tal-knisja tas-Siġġiewi meta l-Isqof kien Bartolomeo Rull). L-ewwel magħmudija tiegħu kienet fil-25 t'April 1760. Mir-raba' volum insibu li Salvatore Pace dam kappillan sal-1790 u tul dan iż-żmien għammdu wkoll bħala *Vici Parrochus* Dun Martinus Bartolo u Dun Cajetanus Caruana, filwaqt li mis-26 ta' Diċembru 1787 kellna lil Dun Joseph Azzopardi, u lil Dun Salvatore Attard mis-6 ta' Settembru 1789 bħala *Vici Parrochus* ukoll. Lil Dun Joseph Caruana nsibuh bħala *Vici Curatus* mit-2 ta' Settembru 1788 u bħala *Vicarius* mis-6 ta' Frar 1790.



***Anthony Mifsud***

Mit-18 ta' Marzu 1791 wasal Petrus de-cglis (sic) li għammed bħala *Rector* jew *Parrochus.* Nota marġinali oħra li nsibuha f'Folio 107 tgħid hekk: *Anno repartis salutis 1791 3o (?) Martii Ego Petrus De-cgli feci primum ingressum in S.P.E. Nicolai Mijranti Episcopi Terrae Siggiewi – Episcopi Illus.us et Rev.us Dom.no Fra Vincentio Labini* (Fis-sena 1791, fit-3 ta' Marzu, jiena Pietru De-cgli ngħatajt pussess tal-Knisja ta' San Nikola, Isqof ta' Mira, fl-art tas-Siġġiewi, mill-Isqof Vinċenz Labini.) Dan il-kunjom De-cgli jidher mibdul f'Decelis f'paġna 148. Dan Decelis dam biss tliet snin u nofs bħala kappillan għaliex fl-20 ta' Settembru 1794 f'paġna 150 beda jgħammed Dun Salvatore Corso SJD, l-ewwel bħala *Vicarius Curatus* u aktar tard bħala *Rector*, u meta ħaddieħor kien jgħammed bil-permess tiegħu kien jirreferi għalih bħala *Parrochus.* L-aħħar magħmudija tiegħu kienet fis-7 t'Awwissu 1810. Ta' min jgħid li f'dan iż-żmien ta' Don Salvatore Corso f'paġna 190 - jiġifieri mill-31 ta' Diċembru 1797 - minflok is-soltu referenza għall-kliem *Hac Parrocea,* jiġifieri 'din il-parroċċa', insibu l-kliem *Hac Civitate Ferdinandi* (f'din il-Belt ta' Ferdinandu) u dan nassumi li sar wara ż-żjara li kien għamel l-aħħar Gran Mastru tal-Ordni Ferdinand von Hompesch meta ta t-titlu ta' Belt Ferdinandu lir-raħal tas-Siġġiewi. Ta' interess ukoll li f'dan l-istess żmien, jiġifieri mill-20 ta' Jannar 1798, fir-reġistrazzjoni tal-magħmudijiet – tal-anqas għal ftit snin sakemm aktar tard saret ħaġa regolari - beda jitniżżel ukoll il-kunjom tal-omm, ħaġa tant importanti meta tkun trid tagħmel xi tiftix għall-arblu tar-razza.

Mit-8 t'Ottubru 1809 nsibu referenza għal Dun Martino Casha bħala *Vici Parrochus* u mit-3 ta' Ġunju 1810 beda jirreġistra l-magħmudijiet hu stess. F'paġna 376 insibu li mill-21 t'Awwissu 1810 kellna lil Don Joanne Nicolaus Azzopardi bħala *Vicarius* temporanju. Fl-aħħar, f'paġna 285, insibu nota dwar l-aħħar kappillan li niltaqgħu miegħu f'dan il-volum u nsibu din in-nota: *Ego Antonius Caruana filius qdm.* (quorundam) *Magnifici Notaris Francisci de hac Terre Siggiewi creatus Rector huis S.E.P. Terra Siggiewi sub titolo.........die 16.12.1810. Regnanti Archiepiscop Rodi*

*Episcopo Meliensi Fratre Ferdinando Mattei anno etatis mei 40 post quod vero Parrochatus (?) in S.E.P. Casali Chircop* (sic). Dan ifisser li fis-16 ta' Diċembru 1810 inħatar kappillan tas-Siġġiewi ir-Rev. Antonio Caruana, iben il-mejjet Nutar Francesco, meta Fra Ferdinand Mattei kien Isqof. Il-kappillan Caruana kellu 40 sena u sar kappillan tas-Siġġiewi wara li kien serva ta' kappillan f'Ħal Kirkop.

Issa se nagħtikom xi informazzjoni fuq il-magħmudijiet li seħħew fil-parroċċa tagħna bejn l-1715 u l-1820. Dan it-tagħrif huwa miġbur minn żewġ volumi, sewwasew il-Volumi III u IV tal-Magħmudijiet u li fl-Arkivju jġibu n-numri 139 u 140.

It-tielet volum jifrex bejn is-6 ta' Jannar 1715 u s-27 ta' Settembru 1780 u hu magħmul minn 544 paġna b'4374 magħmudija reġistrata filwaqt li r-raba' volum jiġbor tagħrif dwar iż-żmien bejn it-28 ta' Settembru 1780 u s-27 t'Awwissu 1820, b'585 paġna b'4341 magħmudija reġistrata. Fl-ewwel volum li qed nitkellem dwaru nsibu l-aħħar tagħrif fuq l-irħula l-oħra li kienu jagħmlu parti mis-Siġġiewi. Tliet magħmudijiet ta' trabi ġew reġistrati li kienu jgħixu f'Casal Chibir lill-istess koppja Attardo, filwaqt li tmintax-il tarbija ġejjin minn Casal Siluc/Xiluc kienu ta' ħames koppji differenti. Għalkemm ħdejn sitta minn dawn ma hemmx miktub il-kliem Casal Siluc, jidher ċar li dawn huma t-trabi tal-istess ġenituri fejn ħdejn magħmudija oħra minn tagħhom hemm miktub isem dan ir-raħal. L-aħħar data ta' magħmudija fejn jissemma Casal Xiluc hija t-18 ta' Lulju 1765 filwaqt li ta' Casal Chibir hija s-7 ta' Mejju 1752. Minn hawn 'il quddiem ma nsibu qatt aktar tagħrif dwar dawn l-irħula.

Fit-tielet volum huma reġistrati 29 'expositus' jew aħjar 'ignotis parentibus/parentibus ignotis' jiġifieri l-ġenituri mhux magħrufa, b'tarbija minnhom imħollija fuq l-artal ta' Sant Andrija fil-knisja u ieħor misjub f'Via Harramia. Ħdejn erba' magħmudijiet ta' dawn it-trabi hemm nota fejn jissemma l-isptar 'Hospitalis' tar-Rabat. Tgħid ittieħdu hemm mill-ewwel? U t-trabi l-oħra kollha x'kien isir minnhom? Jidher li meta kienu jgħammdu dawn it-trabi kienu jħobbu jiddilettaw b'ismijiet xejn komuni biex ma ngħidx strambi, bħal ngħidu aħna, Hipolitus, Ambrosius, Anacletus, Didactus u Silvestrus għas-subien. Dan l-aħħar isem intuża għal mhux anqas minn għaxar darbiet fir-raba' volum minn fost 56 'expositus'. Għall-bniet insibu ismijiet bħal Bibiana, Rubicunda u Rosalinda. Dan ma jfissirx li fil-ġranet tal-lum mhux qed jingħataw ismijiet aktar strambi u bla tifsira minn dawn! Fir-raba' volum, minn fost 56 'expositus', instabet tarbija fi triq pubblika u sitta minnhom tgħammdu minn majjistri għax kienu fil-periklu tal-mewt. Hawn jitqanqalli dubju: dawn it-trabi kif kienu jispiċċaw għand il-majjistra? Tgħid kienet tkun qed tassisti xorta lill-omm u kollox jibqa' mistur u t-tarbija tiġi reġistrata bħala 'illeġittima'? Fit-tielet volum għandna tagħrif li dawn il-qwibiel għammdu mhux anqas minn 82 tarbija u fir-raba' volum insibu li għammdu 96. Hawn ta' min insemmi wkoll min kienu dawn il-qwiebel li kellhom din il-fakultà li jgħammdu. Fit-tielet volum insibu l-ismijiet ta' Maria Falzon, Paola Vella, Gratia Mamo, u l-aktar komuni kien l-isem ta' Maria Xicluna. Jissemmew ukoll Catarina Xicluna, Joannella Vella, Gratia Scerri u Theodora Baldacchino. Fir-raba' volum insibu lil Catharina Borg, u lil Margarita Borg li l-aktar li għammdet tfal 'illeġittimi', kif ukoll lil Gratia Psaila u Theresia Zammit. Interessanti l-fatt li ħafna drabi s-'Sacristan' tal-parroċċa kien jispiċċa bħala parrinu ta' dawn it-trabi. Għalhekk insibu lil Caspar Borg u lil uliedu Salvatore u Joseph li kienu sagristani wkoll. Fl-1750 jissemma 'sacristan' ieħor iżda din id-darba bħala missier meta ħa lit-tarbija tiegħu għall-magħmudija.

Insibu tlettax-il par tewmin reġistrati fit-tielet volum u mhux anqas minn sebgħa u għoxrin par fir-raba' volum. Fit-tielet volum kien hemm erba' ommijiet ta' trabi mingħajr missier (dawk li llum insejħulhom 'single mothers') filwaqt li fir-raba' volum kien hemm ħdax, b'waħda minnhom mill-belt Valletta reġistrata fis-16 ta' Mejju 1799. Fost dawn il-ħdax hemm każ daqsxejn kurjuż - biex ma ngħidx imħawwad - ta' waħda Eugenia (kunjom magħruf) li fit-22 ta' Marzu 1803 kellha tarbija bil-missier mhux magħruf. Aktarx li l-istess Eugenia, sentejn wara, fil-11 t'April 1805, tidher bħala armla b'kunjom ieħor u kellha tarbija minn wieħed Josepho (kunjom magħruf ukoll) li kien raġel miżżewweġ. Dan l-istess Josepho kellu tarbija reġistrata b'kunjomu fil-21 t'Ottubru 1808 minn din l-istess Eugenia li tidher bl-ewwel kunjom meta kellha l-ewwel tarbija iżda bħala armla. Il-borma dan Josepho jkompli jħawwarha meta fit-2 t'April 1810 kellu tarbija mingħand Catharina li kienet 'concubina del qdm. Laurentino' - jiġifieri sieħba tal-mejjet Laurentio - minn Casal Curmi (Ħal Qormi).

Kien hemm ukoll tarbija illeġittima Ingliża (anglam natione) minn omm Ingliża (anglicam matre). U hawn l-istess, nerġa' ngħid jien: kif kienu jafu li l-omm Ingliża meta lanqas biss isimha ma ġie reġistrat? Għax f'dan il-każ ma tkun 'exposita' xejn.

**ikompli f'paġna 23**

ikompli minn paġna 15

Biex nerġa' ngħid xi ħaġa oħra fuq l-ismijiet li jingħataw lit-trabi ta' min nosserva li l-aktar ħaġa komuni kienet li lit-tarbija jingħatawlha tliet ismijiet iżda ltqajt ma' każ fit-13 ta' Lulju 1802 fejn tarbija ġiet reġistrata b'mhux anqas minn għaxar ismijiet: Joseph, Nicolaus, Antonius, Venerandus, Ignatius, Aloysius, Annuntiatus, Emanuel, Paulus u Stanislaus. Tassew kellu qaddisin lejn min jirrikorri dan it-tifel u lil min jindukrah! Fit-23 ta' Frar 1802 insibu tarbija bi tmien ismijiet u fil-31 t'Ottubru 1802 u fit-13 ta' Settembru 1803 żewġt itrabi oħra (tifel u tifla) li ngħatawlhom seba' ismijiet.

Semmejt aktar qabel lill-kappillan Salvatore Corso u lill-Gran Mastru Hompesch. Nafu lkoll li fl-1798 Hompesch ċeda Malta lil Napuljun u lill-Franċiżi. Minħabba li wara l-Belt Valletta kienet assedjata mill-Maltin, ħafna nies fittxew postijiet aktar 'il bogħod mill-inkwiet. Għalhekk fir-raba' volum, f'paġna 199, fis-6 t'Ottubru 1798 insibu lil min għammed (għax forsi kien ġie joqgħod is-Siġġiewi) minn suburbo Vilhena (il-Furjana) minħabba 'tempore revulutiones' – żmien ta' rivoluzzjoni. Hekk kellna każi oħrajn minn paġni 202 sa 208 li jeħduna minn Jannar sa Ġunju tal-1799. Iżda l-akbar xiehda ta' dan it-taqlib kien il-fatt li Fra Vincentius Molinas Cappellanus Obed. Mag.is Ordinii Hyerosolmitani [sic] (Kappillan tal-Ordni tal-Kavallieri) wettaq 91 magħmudija bejn is-16 ta' Mejju 1799 u l-15 ta' Novembru 1801, naħseb jien minħabba li għamel żmien jgħix fostna. Huwa jidher ukoll f'dati oħra bejn Settembru u Ottubru tal-1805.

Fl-4 ta' Novembru 1811 l-Arċisqof ta' Rodi u Isqof ta' Malta Fra Ferdinand Mattei, waqt żjara pastorali, għammed lil Michael Dimech bil-parrinu jkun Franciscus Maria Torregiani mill-Belt, u dan iwassalni biex ngħid xi ħaġa bħalma diġà ktibt fiż-żewġ artikli ta' qabel dwar kemm 'irjus' minn barra s-Siġġiewi ġew jew jamministraw il-magħmudija jew bħala parrini; u dan biex ma nsemmux in-nies 'komuni' minn barra s-Siġġiewi li kienu parrini u dawk il-koppji minn barra r-raħal li ġew jgħammdu hawnhekk. Fost il-kleru nsibu li għammdu l-kappillani tal-Belt u ta' madwar il-port, tal-Katidral tal-Imdina, tar-Rabat, Ħad-Dingli u tista' tgħid kważi kull kappillan jew viċi minn irħula oħra ta' Malta kollha. Fost il-parrini mill-Belt insibu ismijiet bħal Frater Paulus Gelfo, Dominus Pompeus Fiore kif ukoll lil Domina Anna Maria Tramblet. Insibu kunjomijiet bħal Palma, Madiona, Naverini, il-Baruni Xara, Corrado, Murgo, Licata, Sagnari, Efner, Pantalarisi jew Pantallarese, June, Murga, Desaix Kommendatur tal-Ordni, kif ukoll Sciarven, Tortella - kappillan ta' Michabiba (l-Imqabba), Mazza u Musumeci mir-Renju ta' Sqallija, Prevost, Manigia, Parjotti, Rossi - kappillan tal-Ordni, Federicus de la Frerduspian (sic), Annibal Dodsworth - iben il-konslu Ingliż għal Malta - u l-aħħar u mhux lanqas lil Dun Michael Cutajar mis-Siġġiewi - kappillan tal-Ordni, minn fost ħafna u ħafna kunjomijiet oħra li llum ma jissemmewx aktar.

Fit-tielet volum insibu fatt interessanti wkoll fejn fis-7 ta' Novembru 1725 Thomas Borg "habitam in Castello della Ricasoli" kif ukoll fil-15 ta' Mejju 1726 lil Gratio Borg "habitam in Castello della Ricasoli" kienu parrini ta' żewġt itrabi. Dan ifisser li fil-Fortizza ta' Rikażli kien hemm Maltin jgħixu mas-suldati tal-Ordni. Każ simili kien dak ta' Antonio Bugeja li fl-4 ta' Diċembru 1785 (fir-raba' volum) kien parrinu wkoll iżda kien jgħix fil-Castello Manoel. F'dan il-volum ukoll insibu għażla kbira ta' kunjomijiet ta' parrini fosthom tal-Contessa Perdicomati Bologna, tal-Markiż Didacus Muscat, il-kavallier tal-Lingwa Franċiża Ludovicus Dorcolaus (sic) minn Savoia, il-Barunissa Maria Inguanez Damico Bonnici, il-Baruni ta' Castri Lucjani jew Ciciani, il-Barunissa Sant Testaferrata flimkien ma' kunjomijiet bħal Maioli, Ricca, Dumeii', Montella, ir-Reverendu Roque'r tal-Ordni, Thei, Erba li minn Suburbio Vilhena (mill-Furjana) kienet is-Siġġiewi minħabba l-imblokk tal-Franċiżi, Monteverde, Parisi Muscat, Salomone u Monsignore, Chicaci u Brignone.

Biex nagħlaq dan l-artiklu għal din is-sena nżid ngħid li sibt żewġ magħmudijiet ta' skjavi, b'waħda fit-23 ta' Mejju 1734 fejn il-kappillan Salvatore Tabone jgħid li bil-permess tal-Isqof għammed "meam mancipiam etiopem" jiġifieri "l-iskjava sewda tiegħi mill-Etjopja" ta' 23 sena. Insibu wkoll diversi kjeriċi miżżewġin bit-tfal, ħaġa li kienet komuni ħafna f'dawn iż-żmenijiet. L-aħħar fatt kurjuż għal din id-darba huwa li fis-7 t'Ottubru 1787 insibu nota li Franciscus Caruana ġie mgħammed minn saċerdot inespert - "sacerdote inexperto". Min jaf x'kien sewwasew dan il-każ? Jekk Alla jagħtina s-saħħa u l-għajnuna, niltaqgħu sena oħra.